



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

12669/21
ADD 1
LIMITE
PV CONS 27
ECOFIN 951

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji)

5 ta' Ottubru 2021

WERREJ

Pàġna

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

5.	Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza	3
a)	Implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza	
b)	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill skont ir-Regolament RRF	
6.	Semestru Ewropew 2021: It-tagħlimiet meħuda u t-triq 'il quddiem fil-kuntest tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza	3
7.	Implimentazzjoni tal-istrument SURE	3
8.	Tħejjija tal-Laqgħat annwali tal-Ministri għall-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20 u tal-FMI tat-13 u l-14 ta' Ottubru 2021	4
a)	Termini ta' Referenza tal-UE għall-G20	
b)	Dikjarazzjoni lill-IMFC	
9.	Konklużjonijiet dwar il-finanzjament għall-klima fid-dawl tas-26 Konferenza tal-Partijiet dwar it-Tibdil fil-Klima (COP26) tan-NU fi Glasgow mill-31 ta' Ottubru sat-12 ta' Novembru 2021	4
10.	Affarijiet oħra	4
	L-istatus tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji	
ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill		5

Attivitajiet mhux leġislattivi

5. Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

a) Implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Sitwazzjoni attwali / Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill ġie infurmat dwar is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

b) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill skont ir-Regolament RRF

11941/21 + ADD 1

Adozzjoni

Il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Malta, kif tinsab fid-dokument 11941/21 + ADD 1.

6. Semestru Ewropew 2021: it-tagħlimiet meħuda u t-triq 'il quddiem fil-kuntest tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

12190/21

12222/21

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar it-tagħlimiet meħuda mill-eżerċizzju tal-2021 u dwar il-possibbiltajiet li l-proċess tas-Semestru Ewropew jiġi allinjat mal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

7. Implimentazzjoni tal-istrument SURE

12090/21

Sitwazzjoni attwali / Skambju ta' fehmiet

12091/21

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-implimentazzjoni tal-faċilità SURE u t-tagħlimiet meħuda, abbażi tar-rapport biennali mill-Kummissjoni dwar l-użu tal-assistenza finanzjarja SURE.

8. Tħejjija tal-Laqgħat annwali tal-Ministri għall-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20 u tal-FMI tat-13 u l-14 ta' Ottubru 2021

12039/21

a) Termini ta' Referenza tal-UE għall-G20

12041/1/21 REV 1

b) Dikjarazzjoni lill-IMFC

Approvazzjoni

Il-Kunsill approva t-Termini ta' Referenza tal-UE għall-laqgħa tal-Ministri għall-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20 tat-13 ta' Ottubru 2021 kif jinsabu fid-dokument 12039/21, kif ukoll id-dikjarazzjoni lill-IMFC kif tinsab fid-dokument 12041/1/21 REV 1.

9. Konklużjonijiet dwar il-finanzjament għall-klima fid-dawl tas-26 Konferenza tal-Partijiet dwar it-Tibdil fil-Klima (COP26) tan-NU fi Glasgow mill-31 ta' Ottubru sat-12 ta' Novembru 2021

12094/21

Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-finanzjament għall-klima fid-dawl tas-26 Konferenza tal-Partijiet dwar it-Tibdil fil-Klima tan-NU (COP26), kif jinsab fid-dokument 12094/21.

**10. Affarijiet oħra
L-istatus tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji**

Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji.

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 12192/21

**Dwar il-punti "A"
nru 9:**

Konklużjonijiet dwar ir-reviżjoni tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA, ĊIPRU, ID-DANIMARKA U L-GREĊJA

“Sabiex ma jiġix ipperikolat l-aġġornament tal-lista kollha kemm hi u biex jiġu rikonoxxuti l-iżviluppi pożittivi f'haġna pajjiżi terzi, l-Awstrija, Ċipru, id-Danimarka u l-Greċja jaċċettaw il-konklużjonijiet tal-Kunsill proposti. Huwa mistenni progress rapidu u notevoli mit-Turkija, li ser jiġi żgurat permezz ta' monitoraġġ regolari tal-progress tekniku rigward l-iskambju effettiv ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji.

Għaldaqstant, l-iskadenza biex jissolvew kwistjonijiet tekniċi pendenti għall-iskambju effettiv tad-data malajr kemm jista' jkun, iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021, ser tiġi osservata mill-qrib.

L-Awstrija, Ċipru, id-Danimarka u l-Greċja jistennu li t-Turkija twettaq l-iskambju effettiv ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji għas-snin fiskali 2020 u l-quddiem mal-Istati Membri kollha skont is-CRS, u b'dan il-mod ser tikkonforma mal-obbligu tagħha, kif stabbilit fis-CRS, li tiskambja informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji mas-Sħab Adatti Interessati kollha.”

**Dwar il-punt "A"
nru 11:**

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit fir-rigward ta' Ġibiltà Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUNSILL U MIR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FI ĦDAN IL-KUNSILL

“Bħala parti mill-mandat komprensiv biex jinfetħu negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' Ġibiltà, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri jawtorizzaw lill-Kummissjoni biex twettaq negozjati f'oqsma tal-ftehim futur li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri, f'konformità mad-direttivi ta' negozjar.

Il-kwistjoni ta' jekk il-ftehim il-ġdid hux ser jiġi konkluż mill-Unjoni jew mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ser tiġi determinata fi tmiem in-negozjati. Dan l-approċċ ma jaffettwax l-allokazzjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri skont it-Trattati, u huwa limitat għar-Renju Unit fir-rigward ta' Ġibiltà, minħabba n-natura eċċezzjonali ta' dawn in-negozjati komprensivi ma' pajjiż li jkun haġeġ mill-Unjoni u ċ-ċirkostanzi politiċi, legali u ġeografiċi speċjali tat-territorju ta' Ġibiltà.”

DIKJARAZZJONI MILL-KUNSILL

“Il-Kunsill jenfasizza li l-għan li jitneħħew l-ostakli fiżiċi eżistenti għal persuni u l-oġġetti bejn it-territorju ta’ Ġibiltà u Spanja għandu l-mira li jiżgura l-iżvilupp u l-prosperità tar-reġjun ikkonċernat. Dan ma għandux u ma jistax jiġi interpretat bħala parteċipazzjoni ta’ Ġibiltà fl-acquis ta’ Schengen, u lanqas ma għandu jew jista’ jiġi interpretat bħala estensjoni taż-żona Schengen, jew bħala estensjoni tal-unjoni doganali tal-UE. Il-Kunsill ifakkar fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tat-territorju ta’ Ġibiltà li jeħtieġu li s-soluzzjoni mfassla apposta tiġi applikata lokalment.”

Dwar il-punt "A" **nru 14:**

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE li għandha tittieħed fil-Kumitat ta’ Assoċjazzjoni UE-Ukrajna fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tqis li d-Deċiżjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tiġi indirizzata lill-Kummissjoni u b’hekk tqis li l-emendi fl-Artikolu 2 mhumiex xierqa.

L-espressjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni f’korp stabbilit bi ftehim hija att ta’ rappreżentazzjoni esterna tal-Unjoni li, f’konformità mal-Artikolu 17(1) TUE, hija l-prerogattiva istituzzjonali tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f’dan ir-rigward."
